**RULING MOGHTI MINN MR SPEAKER FIS-SEDUTA 367 TA' l-20 TA' MARZU 2006**

Is-Sedja tagħmel riferenza għall-inċident li nqala' waqt il-ħin ta' l-interpellanzi fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 15 ta' Marzu 2006 fejn l-Onor Joe Mizzi esprima ruħu li jaqbel ma' min kiteb ma' ħajt li l-Ministru Jesmond Mugliett huwa korrott;

U peress li l-Onor Mizzi ġie mitlub mis-Sedja darba, darbtejn biex jispjega ruħu aħjar;

U peress li s-Sedja kellha talba permezz ta' point of order mill-Onor Tony Abela biex l-Onor Mizzi jissostanzja jew jirtira l-akkuża;

U peress li l-Ministru Mugliett talab lis-Sedja tindaga jekk jeżistix każ ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħu;

U peress li l-Onor Mizzi għażel li jagħmel sejħa għal quorum tal-Kamra;

U peress li l-Kamra ġiet sospiża għall-ħames minuti u wara ġiet aġġornata għal-lum, it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2006 għax il-quorum baqa' ma ntlaħaqx,

Għaldaqstant, is-Sedja, wara li semgħet ir-recording u qrat it-transcript ta' dak li ntqal waqt l-inċident, tirreferi għall-Ordni Permanenti Nru 60, u ċioe':

"Ebda Membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi Membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi Membru";

u wara li eżiminat ukoll l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, b'mod partikolari l-artikolu 11 subinċiż (4) paragrafu (b);

Tiddikjara li l-inċident imsemmi hawn fuq jikkostitwixxi prima facie ksur ta' privileġġ.